

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata tad-9 ta' Novembru 2015 tal-Ombudsman Ewropew, li permezz tagħha dan tal-aħħar ċaħad l-ilmenti amministrattivi tar-rikorrent;
- tannulla d-deċiżjoni tal-10 ta' April 2015, li ċaħdet lir-rikorrent minn intervista, u d-deċiżjoni tas-16 ta' Lulju 2015 li taħtar lil B.G. fil-pożizzjoni ta' segretarju ġenerali tal-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew;
- tordna lill-Ombudsman Ewropew iħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 112 472,64 bħala kumpens għad-dannu materjali subit minn dan tal-aħħar;
- tordna lill-Ombudsman Ewropew iħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR tletin elf (30 000) bħala kumpens għad-dannu morali subit minn dan tal-aħħar;
- tikkundanna lill-Ombudsman Ewropew għall-ispejjeż kollha tar-rikorrent.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2016 – ZZ vs SEAE****(Kawża F-15/16)**

(2016/C 191/75)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukati)*Konvenuta:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni li tiċhadilha il-permess li tippubblika artiklu, fl-assenza ta' emenda tat-test propost.

**Talbiet tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti talbet li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku:

- jannulla d-deċiżjoni kkontestata u, sa fejn meħtieġ, id-deċiżjoni li tiċħad l-ilment;
- jikkundanna s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2016 – ZZ vs EUIPO****(Kawża F-16/16)**

(2016/C 191/76)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)